MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 905/2013

Ramel u Zrar Limited (C13018)
vs
Alfred Schembri & Sons Ltd (C11164)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti, u konfermat bil-gurament minn Gaetano Abdilla, li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` konvenuti fis-somma ta' €213,198.53 rapprezentant kwantu ghal €188,531.64 bilanc ta' prezz ta' ramel u zrar fornit lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha, u l-bilanc ta' €24,666.89 imghaxijiet kummercjali sal-31 ta' Awissu, 2013.

2. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta taf b’dan id-dejn, u wieghdet diversi drabi li ser thallas lir-rikorrenti l-bilanc bl-imghaxijiet, sal-lum baqghet ma hallset xejn.

3. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn taf ir-rikorrenti, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra din it-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

(ii) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €213,198.53 bilanc ta’ prezz ta’ ramel u zrar, u imghaxijiet, dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-Rikors Guramentat sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Gaetano Abdilla, direttur u azzjonist fis-socjeta` rikorrenti u li ghandu wkoll ir-rapprezentanza legali taghha skond il-*Memorandum and Articles of Association*, li fih semma li l-kumpanija Ramel u Zrar Limited ghandha n-negozju tal-barrieri, u ghal zmien twil kienet tbiegh ir-ramel u z-zrar. Zied li s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta’ €213,198.53 u li ghalkemm saru diversi weghdiet ta’ hlas, is-socjeta` intimata baqghet ma hallset xejn.

Rat li fis-seduta tal-lum Dr. Kenneth Grima ghas-socjeta` intimata pprezenta nota ta’ ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12, qed tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €213,198.53 bilanc ta’ prezz ta’ ramel u zrar, u imghaxijiet.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-Rikors Guramentat sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------